MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 601/2008

**Grace Brincat ID-330527M**

**vs**

**Malta Fairs and Conventions Centre Ltd (C-39678) u s-Sindku Dr Alexei Dingli u s-Segretarju Simon A. Cauchi ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Valletta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Awissu 2008, fejn talbet sabiex il-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom jigu kkundannati jhallsuha dik is-somma li ma taqbisx l-ammont ta’ €3,494.00 (tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin euro) li ghandha tigi likwidata u rapprezentanti danni sofferti bhala rizultat ta’ incident li gara fit-28 ta’ Jannar 2008 meta l-attrici waqghet *f’board* ta’ l-injam li b’mod traskurat,

irresponsabbli u ta’ periklu lil persuni thalla ma l-art fuq il-bankina taht il-logog f’bieb il-Belt.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 22 ta Frar 2008 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill lokali tal-Belt Valletta datata 4 ta’ Settembru 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici in kwantu diretta kontra taghhom stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-Kunsill ma kienx responsabbli tal-akkadut u jew b’xi mod involut fl-armar, installazzjoni u hatt tal-istruttura lamentata mill-attrici. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta Malta Fairs & Convention Centre Ltd datata 10 ta’ Settembru 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u b’mod partikolari in vista tal-fatt li ma hux minnu li sehh incident nhar it-28 ta’ Jannar 2008; illi x-xogholijiet kollha saru skond is-sengha u l-arti u s-socjeta ma hiex responsabbli ghall-istess incident; illi l-*area* relattiva kienet recintata u maghluqa bil-boards u ghalhekk jekk l-attrici ghaddiet mnejn ma kellhiex tghaddi hija unikament responsabbli ghall-akkadut konsegwenzjali; illi r-rikorrenti se mai trid iggib il-prova li s-socjeta eccippjenta kienet responsabbli ghall-area fejn sehh l-incident u kif ukoll tal-allegati danni subiti; illi fi kwalunkwe kaz ebda imghax ma ghandu jithallas peress illi l-ammont mitlub ghadu mhux likwidat.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni verbali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tispjega illi meta nhar it-28 ta' Jannar 2008 ghal habta tad-9.00am kienet miexja taht il-logog f'bieb il-Belt quddiem il-Chemimart, hija waqghet f'folja tal-injam li kienet imqieghdha mal-art. Din il-folja ma rathiex peress illi quddiemha kien hemm in-nies. Saqajha qabdet tarf il-folja u hi hadietha ghal wiccha. Tnejn minn nies li henuha biex tqum qabbdu l-folja u tefghuha fuq it-tarmac tal-pjazza Helsien. Spiccat l-Isptar u damet hemm sal-4.pm. Fl-1 ta' Frar regghet dahlet l-isptar Zammit Clapp fejn baqghet hemm ghal tliet gimghat. Fil-fatt giet rilaxxjata fit-18 ta' Frar 2008. Wara Zammit Clapp marret go home f'tas-Sliema jisimha Charella Home bi spiza ta €35 kull jum. In segwitu hija giet infurmata minn uliedha li l-injama kienet tad-ditta Sign It li f'dak iz-zmien kienu qed jahdmu fl-enclosure ghall-attivita tal-Karnival. Hija esebiet diversi dokumenti bhala prova tal-ispejjes minnha sofferti per konsegwenza ta' dan l-incident. Id-dokumenti minnha esebiti jikkontjenu s-segwenti nformazzjoni:-

Dok A: certifikat mahrug minn St Luke's fejn jindika frattura;
Dok B: Confirmation report mahrug mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt;
Dok C: Certifikat mahrug mill-Isptar Zammit Clapp fejn hallset €11 bhala depositu ghal tripod;
Dok D1 sa Dok D6: Ricevuti u kontijiet mahruga minn Charella Home.
Dok E: Ricevuta mahruga mill-Melita Cable fuq servizz moghti waqt li kienet fic-Charella Home;
Dok F: Ricevuta ta' hlas ghal konsultazzjoni dwar l-ghajnejn.
Dok G: Ricevuta ta' akkwist ta' nuccali.

PS 325 Patrick Bonnici ipprezenta u kkonferma r-rapport li huwa rcieva minn iben l-attrici meta kien stazzjonat l-ghassa tal-Belt (Dok PB1) u dana b'riferenza ta' l-incident in kwistjoni. In kontro-ezami, dan is-surgent ikkonferma li fiz-zmien in kwistjoni kien qed jintrema l-armar tal-karnival. Jafferma li John Mansueto tal-MFCC kien ikkonferma mieghu li l-istess MFCC kienu nkarikati mill-armar tal-istands tal-Karnival.

Anton Miceli li huwa Assistant Cultural Organiser fil-Kunsill Malti ghall-Kultura u Arti kkonferma li in segwitu ta' hrug ta' tender kienet l-MFCC responsabbli ghall-armar u zarmar tal-istands tal-Karnival. Din tkun organizzata fuq bazi nazzjonali u ghalhekk lill-kunsill tal-Belt semplicement javzawhom bl-attivita li tkun sejra ssir ghar-raguni biss li tkun ser tinzamm fil-lokalita taghha. In segwitu dan ix-xhud esebixxa l-kuntratt ta' l-ghoti tat-tender lis-socjeta konvenuta MFCC dwar l-armar u zarmar tal-istands gewwa l-enclosure ta' bieb il-belt ghall-attivitajiet tal-karnival.

Ix-xhud Simon Cauchi, li jigi s-segretarju esekuttiv tal-Kunsill konvenut ikkonferma li l-istess Kunsill ma jkollu x'jaqsam xejn mal-attivitajiet tal-Karnival peress li din tigi organizzata fuq bazi nazzjonali.

Ferdinando Veneziani li jokkupa l-karika ta' Supervisor fi hdan is-socjeta konvenuta MFCC jafferma illi l-istess socjeta kienet inghatat il-kuntratt ghall-armar tas-seating gewwa Freedom Square oltre xi armar iehor fuq in-naha tal-Burger King. Jisppjega li l-pjazza tkun maghluqa bil-barriers imqieghda mill-pulizija. Apparti dan ikun hemm nies ohra li jkunu qed jarmaw fl-istess hin bhal per ezempju min ikun inkarikat mis-sound system. Huma stess idawru l-area fejn ikunu qed jahdmu permezz ta' barriers u danger tape. Is-socjeta MFCC tkun qed tarma fuq in-naha fejn kien hemm l-airmalta cioe ezatt faccata tal-Burger King filwaqt li tal-gnub isir minn kumpaniji ohra. Meta waqghet il-mara huwa ma kienx prezenti ghalkemm kien imur spiss fuq is-sit bhala parti mix-xoghol tieghu. Huwa jafferma li fejn waqghet il-mara cioe fejn il-Chemimart ossia l-entratura tat-tarag ghal Yellow Garage, is-socjeta konvenuta ma kienet involuta f'ebda xoghol ta' armar. Fuq domanda tat-Tribunal, huwa jikkonferma li fiz-zmien in kwistjoni kienet ghadha qed tintrama l-pjazza ghall-karnival.

Lawrence MIfsud, foreman tas-socjeta konvenuta jafferma li huma kienu qed jarmaw fil-pjazza u mhux taht il-logog. Waqt l-armar huma jdawru l-pjazza bil-barriers u danger

tape. L-armar ikun maghmul minn seats tal-plastic u struttura tal-hadid. Barra minnhekk jafferma li jkun hemm nies ohra li jkunu qed jarmaw u li ma jkollhom x'jaqsmu xejn maghhom bhal per ezempju tal-Kultura, tas-sound u tad-dawl. In kontro-ezami jghid li barra l-uzu ta' hadid u plastic. il-parti ta' l-art tas-seating ikun ta' materjal qisu injam ta' kulur iswed.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma mill-provi wara li sema u evalúa l-provi kollha f'dan il-kaz illi fl-ewwel lok hareg evidenti li l-Kunsill konvenut ma kellu x'jaqsam xejn mal-armar li jsir gewwa pjazza Helsien u anqas ma ghandha x'taqsam mal-attivitajiet mtella ghal festi tal-Karnival. Illi ghalhekk l-istess Kunsill konvenut certament ma ghandu ebda responsabbilita ghall-akkadut;

Illi mhux l-istess jista jinghad pero ghas-socjeta konvenuta peress illi hija din is-socjeta li kienet inkarigata ghall-armar u zarmar tas-seating gewwa pjazza helsien. Pero il-kaz mhux daqshekk facli u ma jieqafx hawn peress illi s-socjeta konvenuta issollevat id-difiza li fl-ewwel lok hija ma tkunx qed tarma fl-inhawi tal-logog fejn il-Chemimart u fit-tieni lok illi jkun hemm persuni ohra li jkunu qed jarmaw fl-istess zmien taghhom u ghalhekk il-board tal-injam in kwistjoni setghet kienet ta' kwalunkwe persuna ohra li kienet qed tarma f'dawk iz-zmienijiet. Jinghad ukoll illi legalment jinkombi fuq l-attrici biex tipprova li l-bicca tal-injam fil-fatt kienet tifforma parti mill-armar tas-socjeta konvenuta.

Illi jekk wiehed jezamina l-kuntratt li nghata lis-socjeta konvenuta u x-xoghol effettiv li gie esegwit mill-istess socjeta (a fol 50 tal-process) jinnota li l-istess socjeta mhux biss kienet inkarikata li timmonta skating fuq in-naha ta' l-airmalta izda kellha wkoll xoghol ta' l-armar fuq il-gnub u cioe fuq in-naha tal-Chemimart u kif ukoll fuq in-naha tat-teatru mwaqqa. Illi ghalhekk stante li l-incident sehh fiz-zmien meta kienu ghadhom qed jigu armati dawn l-istands, huwa verosimili li l-injama li tat lok ghal dan l-incident kienet fil-fatt tifforma parti mill-armar tas-socjeta konvenuta. Illi ghalhekk fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici irnexxiela tipprova

sal-grad rikjest mill-ligi li l-injama li thalliet tigri ma' l-art b'mod traskurat kienet fil-fatt tappartjeni lis-socjeta konvenuta.

Illi dwar il-kwantum tad-danni reklamati is-socjeta konvenuta gustament tippretendi li dawn ghandhom jigu pprovati pero fl-istess hin ma kkontestatx per se d-dokumenti esebiti mill-attrici f'dan ir-rigward. Illi ghalhekk issa sta ghal dan it-Tribunal jillikwida l-istess a bazi tal-prova dokumentarja mressqa mill-attrici. Illi ghalhekk it-Tribunal qed jiehu in kunsiderazzjoni s-segwenti spejjes ghal finijiet ta' kumpensazzjoni:-

| | | |
|---|---|---|
| Dok D1 | €140 | 4 t'ijiem fi Frar 2008 |
| Dok D3 | €1085 | Marzu 2008 |
| Dok D5 | €210.24 | April 2008 |
| Dok F | €22 | Ophthalmic consultation |
| Dok G | €92.20 | spejjes ta' nuccali |
| **Total** | **€ 1,549.44** | |

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kunsill konvenut u kwindi jillibera l-istess mill-osservanza tal-gudizzju, jichad invece l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta konvenuta kwindi jilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta konvenuta, fis-sens li jiddikjara li s-socjeta Malta Fairs and Conventions Centre Limited kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, jillikwida l-istess danni fl-ammont ta €1,549.44 (elf hames mija u disgha u erbghin ewro u erbgha u erbghin centezmu) u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma fuq likwidata fl-ammont ta' ta €1,549.44 (elf hames mija u disgha u erbghin ewro u erbgha u erbghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza. Spejjes ta' din l-istanza jkunu a kariku tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------